# Ġ 4.2 IT-TEMP



**Ġ4.2.1**

Nosservaw l-elementi prinċipali tat-temp: it-temperatura, ix-xita u r-riħ.

**Riċerka ta' Moyra Sammut, Antoinette Attard & John Vella**

**flimkien ma' Tony Pace.**

## A. Elementi prinċipali tat-Temp – temperatura / xita / riħ




1. **Fis-sajf** ix-xemx tkun fil-għoli ħafna u l-**ġurnata titwal.** Fis-sajf tagħmel ħafna sħana. Iktar mat-temperatura tkun għolja, aktar tkun sħana.

2. **Fix-xitwa** x-xemx tkun aktar baxxa u l-**ġurnata tiqsar**. B'hekk it-temp jibda jiksaħ. Iktar mat-temperatura tkun baxxa, aktar tkun kesħa.

3. **It-temp jinbidel skond l-istaġuni.** Ikollna x-xita fil-ħarifa u tibda l-kesħa fix-xitwa. Fir-rebbiegħa jkollna temp sabiħ u fis-sajf tagħmel ħafna sħana u jkollna nixfa kbira.

## Iċ-Ċiklu tal-ilma




### A. Kif tagħmel ix-xita?

Biex nifhmu kif tasal biex tagħmel ix-xita, irridu naraw x'inhu ċ-ĊIKLU TAL-ILMA.

Ix-xemx, bir-raġġi u bis-sħana tagħha, tiġbed l-ilma lejha; l-ilma jitla' 'l fuq. Ix-xemx minn fejn tiġbor l-ilma? Ix-xemx tiġbed (tiġbor) l-ilma minn bosta bnadi; insemmu xi eżempji:

- mill-wiċċ tal-baħar,
- mill-għadajjar,

- mill-widien,
- mix-xmajjar,
- mill-ħwejjeġ minxura fuq il-bjut,

## B. X'nifhmu meta ngħidu li l-ilma JEVAPORA?

Il-kelma jevapora tfisser jitla' 'l fuq u jingħaqad ma' ħafna qtar ieħor li jidher bħala sħab.

L-ilma li jevapora jsir **FWAR**, bħall-fwar li joħroġ mill-kitla tal-misħun meta l-ilma jagħli. Il-fwar hu safi u pur. Iktar ma jkun fih qtar tal-ilma s-sħab, aktar ikun jidher iswed u jkun tqil. Meta s-sħab ma jkunx jista' jżomm iżjed ilma, jew jaħbat ma' xulxin, l-ilma mis-sħab jerġa' jinżel lejn l-art bħala xita.

Dawn il-passi kollha flimkien jissejħu ċ-**ĊIKLU TAL-ILMA**.

Fejn imur l-ilma tax-xita?

- isaqqi l-għelieqi u l-ġonna
- jinżel fuq il-bjut biex minnhom nimlew il-bjar tagħna
- jinżel fit-toroq tagħna biex ħafna minnu jispiċċa fil-widien u fil-baħar
- xi ftit minnu jinġabar fil-bjar tagħna jew f'ġibjuni kbar tal-gvern; dan l-ilma mbagħad jgħaddi minn katusi kbar u jitqassam fl-irħula u l-bliet. Wara jgħaddi minn pajpijiet jew kanen apposta u jasal fid-djar tagħna.

**L-ilma huwa importanti ħafna**. Għaliex? L-ilma mbagħad nużawh biex nixorbu aħna u l-annimali tagħna, biex insaqqu, ninħaslu, naħslu l-ħwejjeġ u l-art u naqdu ħafna bżonnijiet oħra.

**Ċ. Ħares lejn din l-istampa li turina ċ-ĊIKLU TAL-ILMA.**




**Imla l-vojt fil-kitba li ġejja. Uża l-kliem li ġej.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| baħar | sħab | ħwejjeġ | jimtlew | issaħħan |
| jiksaħ | ix-xita | fwar | fl-għadajjar | jissaqqew |

1. Ix-xemx _______________ l-ilma li hemm f'bosta postijiet, pereżempju _______________, fil-widien u anke fil-_______________ minxura fuq il-bjut.
2. L-ilma b'hekk isir _______________ u dan jitla' 'l fuq.
3. Hu u tiela' 'l fuq _______________ u jsir _______________.

4. Meta s-sħab ma jkunx jiflaħ iżomm iżjed ilma tagħmel ______________ .
5. Meta jinżel dan l-ilma ______________ l-għelieqi u ______________ il-bjar.
6. Ħafna mill-ilma li jinżel fit-triq jispiċċa fil-widien jew fil- ______________.

**D. Spjega fi kliemek minn fejn jiġi l-ilma tax-xita.**




______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

**E. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

innaddfu    L-annimali    nixorbu    nibżgħu    ma tantx    bjut

1. Fost affarijiet oħra, nużaw l-ilma biex ______________.
2. Nużaw l-ilma wkoll biex ______________ d-djar tagħna u biex insajru.
3. ______________ u l-pjanti imutu mingħajr ilma.
4. Fuq il- ______________ tagħna nżommu tankijiet mimlija bl-ilma.
5. Għandna dejjem ______________ għall-ilma.
6. Hawn Malta ______________ tagħmel xita.

**F. Penġi kapxin li tinkoraġġixxi lill-istudenti biex jibżgħu għall-ilma.**

**Ġ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

it-toroq xmajjar mix-xita widien jittella' fil-bjar

1. L-ilma jiġi l-iktar _______________.
2. Ix-xita tinżel fuq _______________ u fil-widien.
3. L-ima tax-xita jinħażen _______________ u l-ġibjuni.
4. L-ilma tax-xita li jinġema fil-blat u taħt l-art _______________ minn taħt l-art permezz ta' pompi apposta.
5. F'Malta m'għandniex _______________ .
6. Il- _______________ ta' Malta u Għawdex jinxfu mill-ilma fis-sajf.